# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA'OTTUBRU, 2022**

**Kawża nru. 5**

**Rik. Ġur. Nru. 1154/2017 RGM**

**Redent Zammit u martu Marcia Zammit**

**vs.**

**George Raymond Pace u Simone Pace**

**Il-Qorti:**

**Introduzzjoni**

1. Rat ir-**rikors ta' l-atturi Redent Zammit u Marcia Zammit (aktar' 'l isfel imsejħa l-Atturi)** ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2017 li permezz tiegħu wara li **ppremettew:**

1. Illi r-rikorrenti kienu sellfu lill-intimati ammont ta' flus fuq medda ta' zmien, li komplessivament jammonta ghas-somma ta' tlieta u disghin elf, tnejn u sebghin Ewro u tlett centezmi (€93,072.03c).

2. Illi r-rikorrenti gew imwieghda ripetutament mill-intimati li kienu ser ihallsu l-ammont dovut, izda minkejja li debitament mitluba sabiex jeffettwaw il-hlas minnhom dovut, huma baqghu inadempjenti.

3. Illi kien biss fi proceduri ricenti ta' mandat ta' inibizzjoni intavolati mir-rikorrenti kontra l-intimati li l-istess intimati kkontestaw dan is-self; madanakollu, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti, in kawtela tal-ammont hawn pretiz.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza,

**Talbu** lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati *in solidum* bejniethom, jew minn minnhom, bhala debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' tlieta u disghin elf, tnejn u sebghin Ewro u tlett centezmi (€93,072.03c) b'zieda mal-imghaxijiet dekorsi, rapprezentanti self avvanzat mir-rikorrenti lill-intimati;

2. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom, jew min minnhom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u disghin elf, tnejn u sebghin Ewro u tlett centezmi (€93,072.03c) minnhom dovuta, flimkien mal-imghaxijiet dekorsi skont il-ligi u bl-ispejjeż.

2. Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-konvenuti George Raymond Pace et.** ippreżentata fid-9 ta' Frar, 2018 fejn **eċċepew**:

1. Preliminarjament, tigi eccepita l-kawza llecita, u dan stante li l-ammont mitlub jikkonsisti minn valur ta' cekkijiet li impjegati u/jew subcontractors tal-kumpanija ta' l-eccepjenti George Raymond Pace kienu jsarrfu ghand l-attur Redent Zammit, u dan bhala attivita` tieghu, u/jew ma certu Joseph Farrugia, u kien izomm parti mill-valur ta-cekk bhala kummissjoni. Uhud minn dawn ic-cekkijiet effettivament ma kenux issarrfu, u ghalhekk l-attur Redent Zammit intavola din il-kawza fil-verita` biex jirkupra l-valur ta' dak li hallas waqt it-tisrif tac-cekkijiet. Dan kollu kien qieghed isir bi ksur tad-disposti relattivi tal-Kap. 376 u 371 tal-Ligijiet ta' Malta, u jikkostitwixxi wkoll reat - ghaldaqstant l-atturi m'ghandhomx juzufruwixxi mill-mezzi legali sabiex jenforzaw attivita` illegali;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghalhekk ukoll iridu jippruvaw l-interess guridiku ta' l-attrici Marcia Zammit f'din il-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2156(e) u/jew (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet - minghajr pregudizzju ghall-premess, l-unika pretensjoni li jista' jkollu l-attur Redent Zammit, dejjem, biss u unikament jekk tali attivita` ma titqiesx illegali u li tikkostitwixxi kawza illecita`, tista' tigi biss rivolta lejn is-socjeta` Joe Pace K3 Ltd, li harget ic-cekkijiet favur il-haddiema li sarrfuhom ghand l-istess attur, u certament mhux fil-konfront ta' l-eccepjenti.

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti lanqas ma huma l-legittimi kuntraditturi ta’ l-atturi;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma sselfux flus mill-atturi u ma kien hemm ebda ftehim ta' self bejniethom - ghaldaqstant il-premessi tar-Rikors Mahluf odjern huma debitament kontestati - tant hu hekk illi lanqas ma huwa minnu li kien biss fl-istadju tal-Mandat ta' Inibizzjoni li inqalghet kontestazzjoni - kif se jigi debitament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza il-kontestazzjoni ta' l-eccepjenti bdiet mill-bidu ta' skambju ta' korrispondenza ben sena ilu, kif jirrizulta minn ittra legali hawn esebita u mmarkata bhala **DOK.A**. Jekk l-atturi halfu l-falz

sahansitra fuq dan il-fatt, isir wisq izjed facli li jigi dubitat anke l-veracita` ta' l-asserzjoni li sehh xi self;

7. Illi l-eccepjenti Simone Pace hija kompletament estranja ghal dan kollu u ma tirrafigura imkien fit-tilwima bejn il-partijiet, u ghal din ir-raguni wkoll ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

8. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni intavolat qabel ma nbdew dawn il-proceduri, kontra l-istess atturi;

3. Eżaminat il-provi mressqa mill-partijiet.

4. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tas-6 ta’ Jannar 2022 u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti tal-25 ta’ Marzu 2022.

5. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta’ Mejju 2022.

6. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi.**

7. Permezz ta’ din il-kawża l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti iħallsuhom lura s-somma ta’ €93,072.13 liema somma l-atturi jallegaw li kienu selfuwha lill-konvenuti u issa jriduha lura. Mar-rikors promotur l-atturi ppreżentaw kopja ta’ ittra uffiċjali tas-27 ta’ Frar 2017.

8. L-attur xhed[1] illi l-konvenut George Raymond Pace kellu negozju ta’ kaħħal u bajjad u kien jaħdem miegħu bħala sewwieq tal-vetturi. Jgħid

[1] Affidavit f’paġni 39 et seq tal-proċess

li darba minhom George Pace talbu jisilfu s-somma ta' Lm5,000. Huwa silfu dan l-ammont li ġie ritornat fi ftit ġimgħat. Ftit żmien wara reġa talbu jisilfu ammont ieħor din id-darba Lm8,000 liema somma ġiet imħallsa lura ftit taż-żmien wara. Din il-ħaġa rrepetiet ruħha diversi drabi u meta l-ammonti mislufa bdew jikbru l-attur talab lill-konvenut sabiex jagħmlu skrittura ta' self. Jgħid li minflok il-konvenut tah numru ta' post dated cheques. Fil-bidu dawn ic-cheques bdew jiġu onorati mill-bank. Jgħid li f'mument minnhom il-konvenut talbu sabiex ma jippruvax isarraf ic-cheques li kien baqalu f'idejh peress li kien finanzjarment magħfus. Jgħid illi l-konvenut baqa' jitolbu aktar self bit-theddida li jekk ma jaqdihx ma kellux ċans li jieħu flusu lura u kien għalhekk li baqa' jisilfu aktar flus li telgħu komplessivament għal €93,072.03. In sostenn huwa ppreżenta kopja awtentikata ta' madwar mitejn (200) cheque maħruġin mill-kumpanija Joe Pace K3 Ltd, kumpanija tal-konvenut Pace li skond l-attur ingħatawlu mill-konvenut bħala garanzija li jieħu flusu lura. Meta s-self tela' għall-ammont imsemmi huwa mar għand avukat sabiex jibgħat ittra lill-konvenuti b'interpellazzjoni għall-ħlas.

9. Jgħid illi fis-sena 2016 il-konvenut reġa talbu jisilfu is-somma sostanzjali oħra u din id-darba silfu dawn il-flus pero' bħala garanzija ħa sett djamanti. Xhed illi "jien kont accettajt li nithallas ghal flus li kont tajtu dakinhar b'dawk id-djamanti."

10. In kontro-eżami l-attur qal illi meta l-konvenut kien jagħtih xi ammont lura huwa kien jagħtih wieħed mic-cheques li kien qed iżommhom bħala prova ta' xi flus kellu l-konvenut jagħtih. Pero' dettalji dwar kemm il-pagament ta' self tirrappreżenta s-somma reklamata mill-atturi ta' 'l fuq minn €93,000 ma għandux. Jgħid hekk l-attur Redent Zammit in kontro-eżami:

*"Dr James D`Agostino: Mela ejja naslu ghal dawn in-ninety three thousand and seventy two euro u three cents (€93,072.03c) li qed tfittex f`din il-kawza. Mela mill-affidavit tieghek nifhmu illi wara dawn l-*

*ewwel zewg okkazjonijiet tal-liri Maltin biex nifthemu mbaghad wasalt biex inti sellift total ta' roughly tlieta u disghin elf ewro (€93,000), mela u tghidilna li kont isselliflu l-flus b`mod regolari lil George Pace, mela dan is-self li qed titkellem dwaru inti meta sehh dan is-self bhala zmien?*

*Redent Zammit: Mela din kienet rota.*

*Dr James D`Agostino: Rota xi tfisser please?*

*Redent Zammit: Ezempju, jiena selliftu mbaghad meta jgibli xi flus jghidli tini parti mic-cekkijiet lura, bdejna nilghabu hekk.*

*Imhallef: Jigifieri jaghtik il-flus u inti taqbad ammont ta' cheques skont dak l-ammont?*

*Redent Zammit: U naghtihomlu lura ehe.*

*Imhallef: Li jaghtik cash?*

*Redent Zammit: Ehe, ehe u beda jghidli dejjem 'tini li tajtek l-ahhar, li tajtek l-ahhar'.*

*Imhallef: Imma allura ghaliex certu cheques per ezempju four hundred twenty three euro u thirty three cents (€423.33c).*

*Redent Zammit: Jekk ezempju ghaxart elef (10,000)…*

*Imhallef: Four hundred eleven euro and ninety one cents (€411.91c) qed nikkwota cekk bid-data tal-21 t'Awwissu, 2012 ghaliex dan bis-cents per ezempju?*

*Redent Zammit: Kienu jkunu ezempju jghidli gibli sebat elef (€7,000) u jaqbad u jfettillu jghid division by fifteen (÷15) u l-answer li johrog kien jaghtihomli hekk ic-cekkijiet.*

*[…]*

*Dr James D`Agostino: Mela, nerga nistaqsik dan is-self fuq liema medda ta' snin qeghdin nitkellmu li sar? Ara nghidlekx sew li dan sar qabel l-01 ta' Novembru 2011.*

*Dr James D`Agostino: Jiena qed nissugerilek li s-self issa kollu kemm hu li jammonta ghal ninety three thousand (93,000) li qed titlob int sar qabel l-01 ta' Novembru 2011.*

*Redent Zammit: Le.*

*Dr James D`Agostino: Le, meta sar mela?*

*Redent Zammit: Dan sa tlett snin ilu, erba' snin ilu ghadna ghaddejjin b'din ir-rota jaghtini l-cash u ntih ic-cekkijiet, jaghtini l-cash u ntih ic-cekkijiet.*

Dr James D`Agostino: Sa tlieta, erba' snin ilu kienu ghadu ghaddej hekk. Mela jiena minghandek nixtieq id-dati precizi meta inti sellift dawn il-flus u kif kienu maqsumin.

Redent Zammit: Ma niftakarx.

Dr James D`Agostino: Kif ma tiftakarx, ma zammejtx rendikont?

Redent Zammit: Le.

Dr James D`Agostino: M'ghandekx xi notebook li nizzilt fuqu?

Redent Zammit: Le.

Dr James D`Agostino: U li forsi ffirmalek fuqu George.

Redent Zammit: Le.

Dr James D`Agostino: Le. Dawn hargu forsi minn kont bankarju ghandek xi statement li jista juri xi hrigt.

Redent Zammit: Le, le.

Dr James D`Agostino: Lanqas

Imhallef: Allura dawn id-disghin elf (90,000) cash fejn kienu?

Redent Zammit: Jiena daqqa taghtini ghaxart elef (10,000) ommi u daqqa gibt ghoxrin elf (20,000) minghand Peppi jiena hekk kont sejjer ta'.

[…]

Dr James D`Agostino: Kemm hadt minghand ommok?

Redent Zammit: Ma niftakarx, ma niftakarx.

Dr James D`Agostino: Kif ma tiftakarx?

Redent Zammit: Ma niftakarx.

Dr James D`Agostino: Lanqas ghandek imnizzel x'imkien?

Redent Zammit: M'ghandiex.

Dr James D`Agostino: Ommok qatt talbithomlok lura dawn il-flus?

Redent Zammit: L-ommi gennintha.

Dr James D`Agostino: Il-flus kollha hadthom minghand ommok dawn in-ninety three thousand (93,000).

Redent Zammit: Xi flus?

Imhallef: Il-flus kollha li qed titlob hux kollha hadthom minghand ommok. Redent Zammit: Le, le, le, mhux kollha minghand ommi jiena kont nahdem hux.

Dr James D`Agostino: Kemm?

Redent Zammit: Qabel ma mort ma' George.

Dr James D`Agostino: Kemm hadt ninety percent minnhom, seventy percent minnhom?

Redent Zammit: Ma niftakarx, ma niftakarx

[…]

Dr James D`Agostino: Nifhem sew li inti m'ghandekx licenzja biex issellef il-flus lin-nies?

Redent Zammit: Le.

11. L-**attriċi Marcia Zammit** xhedet li dak li taf dwar is-self lill-konvenut huwa dak li kien jgħidilha żewġha għaliex hi qatt ma kienet preżenti meta kienu jgħaddu l-flus. Għalkemm ma kenitx tkun preżenti meta żewġha u Pace kienu jkunu qed jitħaddtu, żewġha kien jgħidilha li l-konvenut reġa ġie għall-flus. Spjegat illi meta kien jiġri dan żewġha kien imur għand ommu u missieru li kienu joqgħdu fuqhom u jitlobhom il-flus sabiex isellifhom lill-konvenut. Semmiet illi mhux dejjem żewġha kien iġib il-flus mingħand il-ġenituri tiegħu pero' ma setgħatx tgħid dawk il-flejjes kollha li issa qed jitolbu lura mingħand il-konvenuti min fejn kien ġabhom żewġha peress li tgħid li kienet tħalli kollox f'idejh.

12. Il-**konvenut George Raymond Pace** xhed bil-mezz ta' affidavit.[2] Beda billi spjega li huwa direttur tal-kumpanija Joe Pace K3 Ltd li taħdem fil-qasam tal-*finishings* f'siti ta' kostruzzjoni b'xogħol ta' tikħil u tibjid kif ukoll timmanufattura ż-żebgħa. Huwa ċaħad li qatt issellef flus mingħand l-atturi. La hu, la martu u lanqas il-kumpanija tiegħu. Jgħid illi madwar għoxrin sena ilu huwa kien iltaqa' mal-attur meta l-kumpanija Joe Pace K3 Ltd kienet qed tagħmel diversi

[2] F'paġni 119 et seq tal-proċess

xogħolijiet fuq inkarigu tal-Corinthia Group foshom il-Jerma Hotel. Kienu kuntratti sostanzjali fejn kien ikollu jqabbad *sub-contractors* peress li bil-ħaddiema tal-kumpanija ma kienx qed ilaħħaq max-xogħol. F'dik is-sitwazzjoni il-kumpanija kien ikollha nuqqas ta' likwidita'. F'dak iż-żmien kien sar jaf lill-attur u tkellem miegħu dwar dik il-problema. Min-naħa tiegħu l-attur kien qallu li dwar il-problema tal-likwidita' seta' jgħinu.

13. Il-konvenut xhed illi l-arranġament li laħaq mal-attur kien illi meta jkun hemm kont tas-*sub contractors* il-kumpanija kienet toħroġ cheque *post dated* b'sitt xhur fejn fuq ic-cheque jitniżżel l-ammont pero' mhux l-isemm tal-payee. L-attur kellu arranġament mal-kuntratturi sabiex jgħaddi l-import tac-cheque lil kuntrattur fi flus kontanti nieqes kummissjoni ta' sebgħa punt ħamsa fil-mija (7.5%). Xhed illi l-attur stess kien jitolbu sabiex fuq ic-cheques ma jitniżżilx l-isem tal-payee fuqu sabiex jara l-attur imbagħad fuq min jagħmlu pagabbli. Is-segretarja tal-kumpanija kienet tipprepara dawn ic-cheques.

14. Il-konvenut ippreżenta rendikont u spjegazzjoni dwar kull cheque illi l-attur ippreżenta kopja tiegħu f'dawn l-atti.

15. Dwar l-ammonti ta' Lm5,000 u Lm8,000 li l-attur jgħid illi kien silifhom lill-konvenut u li kienu ġew rifużi, l-konvenut jiċħad il-verzjoni li ta l-attur. Xhed illi l-attur la qatt silef flus lilu u lanqas lill-kumpanija tiegħu. "Hu kien isarraf ic-cekkijiet li jippreżentawlu l-kuntratturi u jaqla l-mizata minnhom. Niccara li jien qatt ma hadt xi mizata, jew parti mill-mizata li Redent Zammit kien jiehu."

16. Jġħid illi peress li l-attur mhux dejjem kien ikollu flus kontanti biżżejjed sabiex iħallas fil-pront lill-kuntratturi li jippreżentawlu c-cheque, l-attur kien jirrikorri għand ċertu Joseph Farrugia li kien isellef flus lill-attur sabiex ikun jista' jsarraf ic-cheques *post dated* lill-kuntratturi tas-soċjeta' tal-konvenut nieqes il-kummissjoni li kien iżomm għalih.

17. Il-konvenut xhed illi meta l-kumpanija sabet ruħha fi problemi finanzjarji ic-cheques li kien għadhom mhux imsarrfa ma setgħux jiġu onorati mill-bank. Jgħid illi meta seħħ dan, beda jċempillu ċertu Joseph Farrugia li mingħandu l-attur kien jissellef il-flus sabiex ikun jista' jħallas l-import tal-post dated cheques tal-kumpanija tal-konvenut. Joseph Farrugia kien jitlob lill-konvenut sabiex iħallsu s-somma ta' €60,000 li kien silef lill-attur rigward ic-cheques tal-kumpanija imsemmija.

18. Jgħid li l-attur kien jaġixxi qisu bank billi jsarraf il-post dated cheques li kienet toħroġ il-kumpanija.

19. Spjega li l-flus li l-attur qed jippretendi huma flus rappreżentanti c-cheques li l-kumpanija Joe Pace K3 Ltd kienet toħroġ post dated b'sitt xhur lill-kuntratturi, u li l-attur kien mill-ewwel iħallas lill-kuntratturi fi flus kontanti l-import tac-cheques nieqes il-kummissjoni tiegħu bl-iskop li jistenna d-data tac-cheque tasal u b'hekk jigwadanja l-kummissjoni li jkun ftiehem mal-kuntratturi.

20. **Ryan Borg, analista mal-MFSA** xhed illi l-atturi ma għandhom l-ebda liċenzja sabiex joperaw fil-qasam finazjarju. Spjega illi sabiex wieħed ikun jista' jopera fil-qasam finanzjarju bħalma huwa self ta' flus huwa meħtieġ li jkun provvist b'liċenzja F5 ta' Financial Institution jew ta' Credit Institution. Dawn jinħarġu bis-saħħa tal-Banking Act jekk l-applikant ikun bank jew bis-saħħa tal-Financial Institutions Act jekk l-applikant ikun istituzzjoni finanzjarja.

21. Xhed **Mark Conti, prodott mill-atturi.** Huwa qal li kien ħabib antik tal-attur u kien jaf lill-konvenut Pace peress li kien imur għandu peress li x-xhud hu mechanic. Jgħid li darba minnhom kien ħallsu b'cheque li ma ġiex imsarraf mill-bank u għalhekk ma kienx ħadimlu aktar. Spjega li l-attur kien joqgħod jgħidlu dwar il-problemi li kellu mal-konvenut minħabba l-ammont ta' €93,072.03 li kien qallu li selfu.

22. In kontro-eeżami qal illi huwa kien jaf b'dik iċ-ċifra għaliex kien hemm okkażżjonijiet li waqt li l-attur ikun għandu jitkellem bit-telefon mal-konvenut. Xhed illi ma jafx minn fejn l-attur ġab is-somma imsemmija ta' €93,072 sabiex isellifha lill-konvenut. Qal li lil Ismael Vassallo u lil Joseph Farrugia ma jafhomx.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

23. Permezz tal-kawża odjerna l-atturi qed jitolbu illi l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' €93,072.03. Skond l-atturi dan l-ammont jirrapreżenta bilanċ minn somma aktar rappreżentanti diversi somom ta' flus li ġew mislufa mill-atturi lill-konvenuti fuq medda ta' żmien.

24. Il-konvenuti jilqgħu għal din it-talba billi jressqu diversi eċċezzjonijiet li jistgħu jinqasmu fuq….. binarji:

(i) Il-kawża illeċita peress l-ammont reklamat mill-atturi jirrapreżentaw flus li l-attur kien iħallas lil terzi meta jsarfilhom *post dated cheques* tal-kumpanija tal-konvenut bl-isem Joe Pace K3 Company Ltd. li impjegati u/jew sub-kuntratturi tal-kumpanija kienu jsarrfu għand l-attur Redent Zammit bħala attivita' tiegħu waħdu jew flimkien ma' ċertu Joseph Farrugia filwaqt li jżomm kummissjoni. Dan jikkostitwixxi ksur tal-artikoli tal-liġi fil-Kap 376 u Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta li wkoll jikkostitwixxu reat.

(ii) L-attriċi Marica Zammit m'għandiex interess ġuridiku tistitwixxi l-kawża odjerna.

(iii) It-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 € u/jew (f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(iv) Ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenuti.

(v) Il-konvenuti ma humiex leġittimi kontradditturi.

(vi) Illi l-konvenuti qatt ma selfu flus lill-atturi.

**Causa Illeċita.**

25. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi illi dak li l-atturi qed jitolbu huwa msejjes fuq causa illeċita.

26. Fil-qosor l-atturi jallegaw li huma silfu flus lill-konvenuti fuq l-idejn u bħala garanzija li jitħallsu lura l-flus minnhom mislufa il-konvenut kien jgħaddi lill-attur numru ta' post dated cheques li finalment spiċċaw ma ssarfux. Peress li jallegaw li l-flus silfuhom lill-konvenut personalment allura jinsistu illi huwa l-konvenuti responsabbli li jħallsu lura dan l-ammont.

27. Il-konvenuti għandhom verżjoni differenti. Il-konvenut xhed illi meta l-kumpanija tiegħu Joe Pace K3 Ltd sabet ruħha f'nuqqas kbir ta' likwidita' u kien jeħtiġilha tħallas lis-sub kuntratturi u lill-ħaddiema tagħha, il-konvenut offra li jgħin billi għall-ammonti dovuti mill-kumpanija lill-ħaddiema u sub-kuntratturi tagħha, jinħarġu *post dated c-cheques* mill-istess kumpanija mingħajr ma jitniżżel fuq ic-cheques isem il-payee, u konsegwentement l-attur isarraf dawn ic-cheques tas-sub kuntratturi l-import tac-cheque fi flus kontanti nieqes somma ekwivalenti għal 7.5% bħala kummissjoni ta' dan is-servizz. Meta tasal id-data' ta' kull cheque l-attur jew isarrfu jew jutilizzah bħala strument ta' ħlas.

28. Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut jidhru kontrastanti u irrikonċiljabbli, fil-verita' jista' jingħad

li qed jgħidu ħwejjeġ mhux daqstant 'il bogħod minn xulxin, donnhom iż-żewġ uċuħ tal-istess munita.

29. L-ewwel osservazzjoni li tagħmel il-Qorti hi illi l-atturi ma taw l-ebda spjegazzjoni kif waslu li jsellfu somma ta' 'l fuq minn disgħin elf ewro (€90,000) lill-konvenuti mingħajr imqar skrittura privata bejniethom filwaqt li ppreżenta kopja ta' numru konsiderevoli ta' cheques (200 wieħed b'kollox) b'ammonti u dati differenti fuqhom fejn immankabilment kull wieħed minnhom għandu l-ispażju fejn solitament jitniżżel isem il-*payee* vojt.

30. Din hi l-azzjoni promossa mill-atturi u allura jeħtieġ illi l-Qorti tiddelibera dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tal-causa illeċita sabiex jiġi deliberat jekk l-azzjoni promossa mill-atturi tirrokkax minn qabel ma ssalpa fuq element ta' illeċita f'dak allegat mill-atturi stess.

31. L-attur xhed illi fuq medda ta' snin huwa kien jislef flus lill-konvenut. Dik hija l-azzjoni promossa mill-atturi. Huma stess jiddikjaraw illi mhux f'okkazzjoni waħda jew almenu f'okkazzjonijiet iżolati, imma tista' tgħid kontinwament fuq perijodu ta' almenu sentejn, l-attur kien jislef flejjes fuq l-idejn lill-konvenut. Saħansitra jixdhu illi l-konvenut kien imur iħabtilhom id-dar sabiex isellfuh il-flus. Din hi l-allegazzjoni tal-atturi.

32. Meta tevalwa x-xhieda tal-attur ma' dik tal-konvenut jista' jingħad illi għalkemm fl-apparenza il-verżjonijiet rispettivi huma 'l bogħod minn xulxin, dak li fil-verita' mhux jaqblu dwaru huwa fl-interess ta' min l-atturi kienu qed joħorġu l-flus. L-atturi jsostnu li dawn kienu flejjes mislufin lill-konvenuti personalment sabiex jgħinuh minħabba n-nuqqas ta' likwidita' li kellha l-kumpanija tiegħu, filwaqt li l-konvenuti jsostnu illi dawn kienu flejjes li l-attur ħallshom lill-terzi kontra post dated cheques tal-kumpanija tal-konvenut u dan sabiex jieħu kummissjoni ekwivalenti għal 7.5% tal-import tac-cheque.

Għalkemm il-konvenut jallega illi l-attur kien isarraf cheques ta' terzi sabiex jieħu l-kummiossjoni, huwa ma ppreżenta l-ebda prova tanġibbli fir-rigward, lanqas kopja ta' cheque wieħed imsarraf.

33. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tqis illi sew jekk l-arranġament prinċipali tal-partjiet kien self mill-atturi lill-konvenuti, sew jekk l-arranġament kien li l-attur isarraf post dated cheques tal-kumpanija tal-konvenut sabiex jitħallas kummissjoni, iż-żewġ attivitajiet huma mċappsa b'illegalita' in kwantu jirriżulta li minn dawn l-operazzjonijiet kien hemm ħafna u bħala tali kienu jirrikjedu liċenzja mill-awtorita' kompetenti. Dan qed jiġi miżmum mill-Qorti peress li tqis illi jekk dak allegat mill-istess atturi jammonta għal aġir illeċitu allura l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija fondata.

34. Skond it-testimonjanza tal-attur huwa kien qed isellef lill-konvenut ammonti konsiderevoli ta' flus fuq medda ta' żmien kollox in kontanti, kollox fuq l-idejn u dan skond l-attur bl-iskop li l-kumpanija tal-konvenut ma tieqafx topera minħabba nuqqas ta' likwidita'.

35. L-attur jgħid illi huwa ma għandu l-ebda records dwar l-ammonti li huwa jallega li silef lill-konvenut u ma kienx f'posizzjoni jixhed dwar minn fejn kien jakkwista l-flus sabiex jagħmel dawk l-operazzjonijiet. Daqqa jgħid li kien jislifhom mingħand ommu, daqqa xhed li kien jissellef il-flus mingħand ħaddieħor.

36. Ġie ppruvat illi l-attur ma għandu l-ebda liċenzja maħruġa minn awtorita' kompetenti sabiex b'mod abitwali jew regolari jsellef flus lil ħaddieħor jew inkella b'mod abitwali jew regolari isarraf cheques ta' terzi u jitħallas kummissjoni.

37. Isegwi għalhekk illi l-mod abitwali li skond l-attur stess huwa kien jislef il-flus lill-konvenut sabiex skond hu l-kumpanija tal-konvenut tibqa' għaddejja, jammonta għal ksur tal-liġijiet finanzjarji.

38. **Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta)** jipprovdi illi:

> *1) L-ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att,……………, m'għandha tiġi tranżatta regolarment jew abitwalment, fi jew minn Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti:*

39. Fost l-attivitajiet elenkati fl-**Ewwel Skeda tal-Kap 376** insibu :

> *1. Self ( li jinkludi krediti personali, krediti taħt mortgage, xiri ta' fatturi kemm bi jew mingħajr dritt ta' rikors, finanzjament of transazzjonijiet kummerċjali inkluż forfaiting);*
>
> *[...]*
>
> *7. Negozju li persuna tagħmel f'isimha jew f'isem il-klijenti:(a) fi strumenti ta' swieq finanzjarji (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta'depożitu u strumenti bħal dawk*

40. Kien l-istess attur li xhed illi huwa kien jislef flus lill-konvenut b'mod regolari. Jgħid li l-ewwel self kien ta' ħamest elef liri Maltin (Lm5,000) li ġew restitwiti. Jgħid li t-tieni self kien ta' tmint elef liri Maltin (Lm8,000). Jgħid li imbagħad l-ammonti li l-konvenut kien jitolbu jsellfu bdew jikbru fl-ammont. Skond l-attur in-numru kbir ta' cheques li huwa ppreżenta f'dawn il-proċeduri jirrappreżentaw il-flejjes li huwa silef lill-konvenut u li ma tħallsux lura.

41. Kif rajna, in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li huwa silef diversi ammonti ta' flus lill-konvenut fuq medda ta' żmien huwa eżebixxa kopja awtentikata ta' xejn anqas minn mitejn (200) cheque li jirrappreżentaw skond l-attur il-flus li huwa silef lill-konvenut u li ma ġewx ritornati. Skond ma xhed l-attur stess għall-bidu huwa rnexxilu

jsarraf numru ta' cheques mingħajr problemi. Isegwi għalhekk illi skond il-verzjoni tal-attur kien hemm aktar ammonti mislufa minn dawk li jidhru f'dawn ic-cheques li kopja tagħhom tinsab in atti.

42. Tenut kont li l-allegazzjoni tal-attur hija manifestament allegazzjoni ta' aġir illegali bi ksur tal-liġijiet finanzjarji peress li tali aġir jikkostitwixxi atti ta' self magħmulin "regolarment" jew "abitwalment", il-Qorti tqis illi tħares kif tħares lejh l-aġir tal-attur, sew mill-pretensjoni tal-atturi; sew mill-pretensjoni tal-konvenuti; una volta qed jirriżulta li l-atturi la kellhom liċenzja sabiex iselfu l-flejjes lil ħaddieħor b'mod abitwali jew regolari u lanqas kellhom liċenzja sabiex b'mod regolari jew abitwali isarrfu cheques ta' terzi b'kummissjoni, isegwi illi l-aġir tal-attur huwa milqut b'causa illecita. Kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-9 ta' Marzu 2009:

> *Dwar ir-reat prospettat ghab-bazi tal-Att XXII/1994 (Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji) l-prova li l-prosekuzzjoni kienet tenuta taghmel kienet dik li l-imputat abbitwalment kien isellef il-flus …………………… Jigi kjarit ghar-rimozzjoni ta' kull ekwivoku illi mhux importanti n-numru ta' persuni li jsellfu, tista' tkun anka persuna wahda, dment li s-self jkun ta' certa frekwenza u jsir minghajr l-licenzja rikjesta.*

43. **Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi *L-obbligazzjoni ……… magħmula fuq kawża …illeċita, m'għandha ebda effett*. Filwaqt li **Artikolu 990** tal-istess kodiċi jipprovdi illi: *Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*

44. Kif ġie ritenut mill-**Qorti tal-Appell** fis-sentenza **George Seychell vs Spring Valley Co. Ltd** mogħtija fit-2 ta' Marzu 2018:

"……jigi enfasizzat il-principju li min jidhol f'negozju bil-hsieb li jqarraq bil-ligi m'ghandux ikollu s-serhan tal-mohh li, jekk in-negozju jmur hazin, ikun jista' jinqeda bil-ligi biex jiehu lura dak li tilef. Il-biza' li jibqa' minghajr il-harsien tal-ligi ghandu jservi ta' disincentiv ghal min jigih il-hsieb li jaghmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku u ma ghandhiex tkun il-ligi stess li tnehhi dan id-disincentiv ghal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Ottubru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et**.)

Kif rilevat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet **Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono:** "id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 987 u 991 tal-Kodici Civili mhumiex intizi biex jaghtu xi drittijiet jew vantagg lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiza bhala deterrent kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."

Dan il-prinċipju ta' kawza illeċita kien trattat ukoll minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet **Julia Borg et v. Carmel Brignone** fejn inghad: "Gie anzi kostantament ritenut illi f'dawn ic-cirkostanzi n-nullita' tal-obbligazzioni setghet tigi sollevata mill-istess Qorti *ex officio.* "Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza illecita' u l-kawza hija llecita meta hija projbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku' meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvinzjoni minhabba kawza llecita tista' tigi sollevata ex officcio." (Vol XLID.p.684 deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Charles Pace et -vsPhilip Agius et**).

'Illi 'rebus sic stantibus', kif logikament jikkonkludi **Pacifici Mazzoni:-** "ll giudice non puo' accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benche' il debitore non apponga eccezione di sorta" (lstituzioni, Vol. ll. para 167) u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tissolleva 'ex officio' n-nullita' tal-kondizzjoni fuq migjuba u maghha n-nullita' tal-konvenzjoni relattiva." (Vol. XLIIIC.ii.646)"

[…]

"Quando il fatto è illecito, la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; è una obligazione fondata su causa illecita, poichè la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa è illecita, l'obbligazjone è inesistente e non può avere alcun effetto" - Laurent, Vol XXVII, Para 402.

[…]

Il-legislazzjoni ta' natura fiskali hija minnha nnifisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess pubbliku. Kif gustament ritenut mill-ewwel Qorti, skrittura li tohloq obbligazzjonijiet illeciti, in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma pprojbiti mil-ligi jew kuntrarju ghall-ordni pubbliku, ma tistax titnissel minnha ebda azzjoni civili.

[…]

Kif inghad mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Mifsud v. Emanuel Magri**: "Ladarba kien hemm ksur ta' ligi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi haga irrelevanti. Iz-zewg partijiet kisru l-ligi, u ghalhekk ma

jistghux issa jinqdew bil-ligi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, ghax kiser il-ligi, xi wiehed minnhom mar minn taht. It-tnejn kienu komplici fl-illegalita' u ghalhekk issa l-ligi ma tghinhomx: kullhadd jibqa' b'li ha; *in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis.".* [3]

45. Kif ġie wkoll dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Francis Buhagiar et. vs. Ta' Natu Limited** mogħtija fis-17 ta' Marzu 2021:

*……..ladarba jirrizulta li l-attur appellat kien partecipi f'kuntratt li huwa milqut bl-illecitu, ma jistax issa jinqeda bil-ligi sabiex jittanta jfittex rimedju ta' danni kontra s-socjeta` konvenuta ghan-nuqqas taghha rizultanti mill-istess kuntratt. Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tirrileva li l-kuntratt ta' bejgh tas-17 ta' Lulju, 1989, huwa milqut b'kawza llecita, ma tqisx xieraq li tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u kif inghad qabel, kulhadd ghandu jibqa' b'dak li ha. Din hi materja ta' ordni pubbliku li l-Qorti tista', anzi obbligata, tissollevaha ex officcio*

46. Konsiderazzjonijiet simili jinstabu fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Joseph Camilleri pro et noe vs. Michael Angelo Fenech et**. mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021:

*Il-liġi tgħid illi obbligazzjoni mingħajr kawża jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita m'għandha ebda effett . Kawża hija lleċita meta hija projbita mill-liġi tagħna fis-seħħ fiż-żmien rilevanti jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku , jiġifieri kontra l-interess ġenerali. Ħaġa bħal din tista' titqajjem ukoll minn Qorti minn rajha jekk tirriżultalha mill-atti li jkollha quddiemha;*

[3] Ara wkoll: Av Dr Carmelo Galea et vs. Dolores Josephine Grech et - Qorti tal-Appell - 27 ta' Jannar 2021;

47. Stabbilit illi l-azzjoni attriċi tirrigwarda transazzjonijiet li **jiksru** d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta)** fuq ċitat; stabbilit illi konsegwentement l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq causa illeċita; il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fejn eċċepew il-causa illeċita hija fondata. In vista ta' din id-deċiżżjoni, ma hemmx lok li l-Qorti tindirizza l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-konvenuti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi l-azzjoni attriċi hija kolpita minn causa illeċita;
2. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta' Ottubru 2022

**Deputat Registratur**